7 ta' Frar, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Renato Ellul et. *versus* Antonio Ellul et. (*)**

**Vitalizju — Donazzjoni — Alea — Nullità — [illegible] — "Conversio Actus Juridici" — Ammissibilità — Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni — Art. [illegible] tal-Kodiċi Ċivili, u art. 5 u 7 (1) (a) tal-Kap. 70.**

*Huma meħlusa mit-taxxa tas-suċċessjoni u donazzjoni dawk it-trasferimenti imponibili li jkunu ġew dikjarati nulli jew bla effikaċja*

*b'sentenza pronunzjata in kontradittorju bejn il-partijiet interessati, u li tkun saret ġudikat, minħabba vizzju radikali illi jġib in-nullità jew l-ineffikaċja tat-trasferiment sa mill-oriġini tiegħu, indipendentement mill-volontà u l-kunsens tal-partijiet.*

*Kuntratt ta' kostituzzjoni ta' vitalizju li jkun fih sproporzjon tal-valur bejn il-beni assenjati u l-vitalizju, meta ma jkunx simulat, huwa nieqes mill-alea, u għalhekk bħala vitalizju dak il-kuntratt ma jiswiex; imma l-fatt li ma hemmx alea ma jġibx għan-nullità ta' l-att, għax dak il-kuntratt jibqa' fih il-figura ġuridika tad-donazzjoni b'effett ta' dak li jissejjaħ "conversio actus juridici". Għaldaqstant għall-eċċedenza li tikkostitwixxi l-liberalità dak it-trasferiment huwa imponibili.*

*Is-settwaġenarju ma jistax, mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, jagħmel donazzjoni li teċċedi £50; imma din id-donazzjoni ma hix nulla "di pieno diritto"; iżda hemm biss nullità relativa għas-settwaġenarju, ossija annullabilità, li ġġib id-dritt għar-rexissjoni esperibili mis-settwaġenarju jew mill-eredi tiegħu. Għalhekk dik id-donazzjoni ma hix nulla radikalment, u hija imponibili skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 70.*

Il-Qorti—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi b'kuntratt riċevut min-Nutar Edward Calleja Schembri fis-7 ta' Settembru 1939 il-konvenut Antonio Ellul assenja lill-atturi l-beni tiegħu menzjonati fl-istess att versu l-kostituzzjoni tar-rendita vitalizja ta' £130 fis-sena; illi fuq ir-"ruling" tal-Kollettur ta' l-Imposti u tal-Lottu, wara l-kuntratt saret denunzja tiegħu minn għand l-atturi fis-7 ta' Mejju 1940; illi b'kuntratt riċevut minn għand in-Nutar Angelo Cachia fl-20 ta' Settembru 1940, il-partijiet irrikonoxxew in-nullità ta' l-ewwel kuntratt, sija bħala vitalizju kemm ukoll bħala donazzjoni; illi, non ostanti dana l-kuntratt, il-konvenut Oscar Sammut nomine qegħed jippretendi bħala imposta fuq donazzjoni s-somma ta' £362. 16. 9 u mteressi relativi (dok. A); illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien realment ta' kostituzzjoni ta' rendita vitalizja u mhux ta' donazzjoni, u kien radikalment null minħabba l-mankanza ta' l-alea, kif ukoll, suppost li kellu jiġi kunsidrat bħala donazzjoni, minħabba l-inkapaċità tal-konvenut Antonio Ellul għaliex kien għalaq is-sebgħin sena;

(*) Revokata fl-Appell b'sentenza tal-1 ta' Lulju 1946 (publikata).

illi però dina n-nullità ma rriżultatx minn sentenza bejn il-partijiet, għall-finijiet ta' l-art. 5 ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918, illum Kap. 70, artikolu 7 (1) ta' l-Edizzjoni Riveduta; u talbu (1) li jiġi dikjarat illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni tar-rendita vitalizja fuq imsemmi, tas-7 ta' Settembru 1939, huwa għar-raġunijiet fuq imsemmija null radikalment, u (2) li jiġi dikjarat ukoll illi dak il-kuntratt mhux imponibbli, sija għaliex kuntratt b'titolu oneruż u sija għaliex huwa radikalment null. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li għandhom jinżammu għas-subizzjoni;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi, biex jiġi riżolut tajjeb il-problema ġuridiku involut f'din il-kawża, hemm bżonn li l-ġudikant iżomm quddiem għajnejh tliet affarijiet prinċipali; jiġifieri :—

1. Bis-sentenza fuq imsemmija ta' din il-Qorti, konfermata fl-Appell, fil-kawża *bejn* l-istess partijiet ("Oscar Sammut ne. vs. *Antonio Ellul et.*") ġie irrevokabilment deċiż illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' vitalizju li sar fl-atti jiet tan-Nutar Edward Calleja Schembri tas-7 ta' Settembru 1939 ma kienx simulat. Il-punt tas-"simulazzjoni" għalhekk ma jistax jiġi aktar diskuss;

2. Il-kwistjoni jekk dak il-kuntratt, li minnu l-attturi u l-konvenut missierhom irrexindew bl-att *kieħor* riċevut min-Nutar Angelo Cachia ta' l-20 ta' Settembru 1940, hux jew le imponibbli taħt *il-liġi Ordinanza* XVIII ta' l-1918 (Kap. 70 **Ediz.** Riv.), non ostante dak ir-recess, għandha tiġi riżoluta mhux *in bażi* għall-prinċipji ġenerali, imma skond id-dispost espliċitu ta' din il-liġi fiskali, kontenut fl-art. 7 (1) tal-Kapitolu 70, illi jeħles mit-taxxa dawk it-trasferimenti imponibbli li jkunu ġew dikjarati nulli jew bla effett b'sentenza pronunzjata in kontradittorju bejn il-partijiet interessati u li tkun saret ġudikat minħabba vizzju "radikali" illi, indipendentement mill-volontà u l-kunsens tal-partijiet, iġib in-nullità jew l-inefikaċja tat-trasferiment sa mill-oriġini tiegħu; għalhekk, apparti l-kuntratt li bih l-aħwa Ellul u missierhom irrexindew l-att ta' qabel, it-taxxa ma tistax tiġi mitluba fil-każ biss li jirrikorru r-rekwiżiti meħtieġa skond id-dispożizzjoni speċjali ċitata fuq;

3. Iż-żewġ interessi opposti fil-kawża—l-atturi u l-Gvern

konvenut—jaqblu illi kienet tonqos l-alea fil-kuntratt "de quo", għaliex il-beni assenjati mill-kreditur tal-vitalizju ("rentier", kif isejjaħlu l-Pothier) bħala kontro-valur tal-vitalizju kienu jiswew aktar mill-vitalizju, speċjalment atteża l-età avanzata tal-kreditur, il-konvenut Antonio Ellul, li, kif inhu paċifiku bejn il-partijiet, kien allura għalaq l-età ta' 70 sena. Infatti l-atturi aħwa Ellul u missierhom iddikjaraw fl-istess kuntratt ta' rexissjoni ta' l-1940 (ara fol. 32 tergo tal-proċess l-ieħor) illi l-att ta' l-1939 kien jonqsu l-element ta' l-alea "għar-rigward tad-debitur tar-rendita", u fin-nota markata "A", wara l-paġina 36 ta' dak il-proċess, qalu, fil-paragrafu ħamsa, illi "r-riskju tat-telf u qliegħ ma kienx proporzjonali bejn il-partijiet", u f'din iċ-ċitazzjoni huma qegħdin jassumu bħala premessa tat-talba l-fatt li ma kienx hemm l-alea. Kwantu għall-Gvern konvenut, dan qiegħed jassumi illi ma kienx hemm l-alea, għaliex irid jintaxxa l-eċċedenza bħala donazzjoni, u meta hemm liberalità jonqos l-ispirtu tal-qliegħ li f'kuntratt aleatorju għandu jkun hemm fiż-żewġ partijiet, kif ikun hemm għat-tnejn ir-riskju tat-telf. Għalhekk fuq dan il-punt, hemm bejn iż-żewġ interessi opposti dak li jissejjaħ il-kważi kuntratt ġudizzjali li, kif intqal fis-sentenza "Cini vs. Portelli", App. 2 ta' Ottubru 1925, Vol. XXVI—I—223, jiffissa t-tema u l-limiti tal-kontroversja;

Illi għalhekk tnejn huma proprjament l-indaġini li hemm bżonn li jsiru, jiġifieri :— (1) Jekk dak l-isproporzjon tal-valur bejn il-beni assenjati u l-vitalizju, li fuqu l-partijiet, kif ingħad, jaqblu, jikkostitwixxix bħala eċċedenza donazzjoni, jew jekk, kif jippretendu l-atturi, dak l-isproporzjon iġibx għannullità tal-kuntratt intier mingħajr ma wieħed jista' jsib fih donazzjoni "pro tanto"; (2) Fil-każ li tibqa' d-donazzjoni, jekk din kienetx nulla għal vizzju radikali kif irid l-artikolu 7 (1) (a) ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918 (Kap. 70), u għalhekk mhux suġġetta għal ebda taxxa;

Fuq l-ewwel pont;

**Ikkunsidrat;**

Illi fin-nota tagħhom fol. 24 l-atturi sottomettew illi bis-sentenza mogħtija fil-kawża "Oscar Sammut ne. vs. Antonio Ellul et.", vertita bejn l-istess partijiet fuq imsemmijin, ġie ġà deċiż illi l-kuntratt ta' l-1939 kien oneruż biss u ma kienx

hemm liberalità. Dan mhux eżatt. Tant is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, kemm dik ta' l-*Appell*, *iddeċidew biss* illi l-kuntratt ma kienx simulat, imma li l-partijiet riedu preċiżament dak li fil-fatt kien hemm fih. Anzi, kieku wieħed kellu jsegwi dak li għallmet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Farrugia Gay vs. Farrugia", 12 ta' Novembru 1919 (Vol. XXIV—I—157), **dwar** illi d-dispożitiv għandu jiġi nterpretat konformement għall-motivazzjoni, huwa ta' min igħid illi b'dawk is-sentenzi ġie anzi stabbilit illi kien hemm eċċedenza kostitwenti liberalità: għaliex l-ewwel ġudikant qal hekk :— Fil-każ in eżami l-imħarrkin riedu jikkuntrattaw *preċiżament kif ftehmu fl-att*, u għalhekk fil-fatt ma sarx ħag'oħra ħlief dak li rriżulta li sar, u li kien kuntratt mist, li fih kien hemm in parti l-element ta' l-onerożità u in parti l-element tal-liberalità, u l-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha konfermatorja, semmiet espressament li kien hemm fil-kuntratt "*element qawwi ta' liberalità*";

Illi għall-eċċedenza hemm, għall-finijiet ta' din il-liġi fiskali, donazzjoni; għal dawk iż-żewġ raġunijiet :—

(a) Avvolja l-*kuntratt* ta' l-1939 ma kienx simulat, il-fatt li alea ma kienx fih ma jġibx għan-nullità tiegħu, imma tibqa' fih dik il-figura ġuridika, skond id-dritt obbjettiv; jikkonkorru l-elementi pożitivi tagħha (ara l-insenjament tal-Butera, ċitat fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża l-oħra "Sammut ne. vs. Ellul"). *Dan isir b'effett ta' dak li jissejjaħ "conversio actur juridici"*. Din il-konversjoni ma hijiex simulazzjoni, għaliex, kif jgħid l-istess Butera, f'opra oħra tiegħu taħt it-titolu "Della Simulazione nei Negozi Giuridici", paragrafu 19, paġina 47, fis-*simulazzjoni relativa* l-intent li jridu jirraġġungu l-partijiet huwa maskerat, mentri fil-konversjoni dan l-intent huwa apertament persegwit. Infatti fil-kuntratt ta' l-1939, kif irritenew din il-Qorti u l-Qorti ta' l-Appell, il-partijiet riedu fil-fatt dak li fil-fatt għamlu; u jekk kien hemm, kif hu ammess li *kien hemm, element ta' liberalità, il-partijiet għalhekk* riedu wkoll dak l-element;

(b) F'din il-materja fiskali hemm ukoll ir-raġuni l-oħra illi skond l-art. 5 ta' l-Ordinanza (Kap. 70), it-trasferiment huwa *imponibili* skond dak li fil-fatt ikun. Jekk għalhekk kien hemm, kif il-partijiet jaqblu li kien hemm, eċċedenza li tik-

kostitwixxi liberalità, dak huwa, skond din il-liġi partikulari, u taħt l-art. 5 fuq ċitat, it-trasferiment imponibili. Din ir-regola *ma hix riferibili biss għall-każ ta' simulazzjoni, imma hija* prinċipju komuni għall-liġijiet ta' finanza, ċjoè illi "contractus magis cognoscitur ab effectu quam ex nomine";

Fuq it-tieni pont;

Illi skond l-art. 1838 inċiż (f) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitlu 23, min jagħlaq is-sebgħin sena ma jistax, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, jagħmel donazzjoni li teċċedi s-somma ta' £50. Għalhekk l-atturi jgħidu li għall-eċċedenza bħala donazzjoni il-kuntratt huwa radikalment null, u kwindi t-trasferiment ma hux imponibili taħt l-art. 7 (1) (a) ta' l-Ordinanza fuq ċitata;

Illi l-liġi, fl-artikolu invokat ma tikkuntentax ruħha billi teżonera mill-imponibilità dawk il-kuntratti li jkunu dikjarati nulli jew ineffikaċi "sic et simpliciter", imma kompliet tgħid illi hemm bżonn li din in-nullità tkun minħabba "vizzju radikali", u li dan ikun tali li jġib in-nullità jew l-ineffikaċja indipendentement mill-volontà jew il-kunsens tal-partijiet sa mill-oriġini tiegħu;

Illi għalhekk, jekk hawn si tratta biss ta' nullità relativa, deduċibili mhux minn kulħadd, imma biss mill-kontraent li għall-protezzjoni tiegħu giet sanċita dik in-nullità, u kwindi dipendenti mill-volontà tiegħu, u li ma ġġibx għan-nullità "di pieno diritto", imma għall-annullabilità, allura ma hemmx innullità kontemplata mill-artikolu fuq imsemmi għall-finijiet ta' l-eżoneru mill-imponibilità;

Illi l-Imħallef sedenti, wara li rrifletta fuq dan il-pont, jidhirlu *li għandu* jsegwi dak li stabbiliet il-Qorti ta' l-Appell (Pres. Sir Michel'Angelo Refalo, Imħallfin Dr. L. Camilleri u Dr. Agius), fil-kawża "Debono utrinque", 18 ta' Mejju 1923 (Vol. XXV, Parte I, Sez. I, pag. 492), illi n-nullità taddonazzjoni tas-settwaġenarju ma hijiex nullità assoluta, imma relativa, li ma ġġibx nullità "radikali" (kelma użata f'dik issentenza), ċjoè n-nullità "di pieno diritto", imma ġġib biss iljedd tar-rexissjoni, ċjoè l-annullabilità, deduċibili minn dak ilkontraent li għalih giet rikjesta l-awtorizzazzjoni tal-Qorti bħala formalità tutelari;

Illi dik is-sentenza tal-Qorti Suprema qalet ukoll illi d-donazzjoni relativament nulla minħabba l-età t sta' tiġi konfermata mis-settwaġenarju, taħt dak li kien allura l-artikolu 935 tal-Kodiċi Ċivili, u mill-eredi u aventi kawża tiegħu wara mewtu, anki taċitament, taħt dak li kien allura l-artikolu 939 —"ciò che", tkompli tgħid dik il-Qorti, "non sarebbe il caso ove si trattasse di nullità assoluta e radicale..........." Kieku kien att radikalment null, jiġifieri null "ab initio", allura ma kienx ikun jista' jkun sanat, għaliex hija nota r-regola "quod nullum est ab initio non potest tractu temporis convalescere". L-idea ta' vizzju radikali hija akkoppjata għal dik ta' l-insanabilità, tant illi fid-deċiżjonijiet ta' Qrati Taljani tinsab spiss abbinata (ara, per eżempju, deċ. fil-para. 70 Rep. Fadda, art. 1300). Ma' dan wieħed għandu jżid dak li qal l-istess leġislatur meta ġieb 'il quddiem fil-Korp Leġislativ l-Ordinanza XVIII ta' l-1918, b'riferenza għal dan l-artikolu, illi biex dana l-artikolu jkun applikabili hemm bżonn li l-partijiet ikunu "impossibilitate a sanarne i difetti" (ara Debates, Vol. XXXIX—339, ċitati fin-nota tal-konvenut Nutar Gatt nomine tas-17 ta' Jannar 1946), mentri f'dan il-każ id-difett jista' jiġi rimedjat;

Dippiù dik is-sentenza qalet ukoll illi "per il donatario la donazione è irretrattabile", mentri l-artikolu fuq ċitat jikkontempla nullità assoluta di fronti għal kull parti (ara l-bran tad-Debates fuq ċitat). Kompla qal il-leġislatur, fl-ispjegazzjoni ta' dan l-artikolu, illi fih "si allude in altri termini a quei soli casi nei quali il trasferimento, alla stregua dei principi di diritto comune, deve considerarsi giuridicamente inesistente o nullo di pieno diritto, non già a quei casi in cui il trasferimento deve considerarsi semplicemènte annullabile". Issa l-ġurisprudenza taljana, li fiha l-kelma "radikali" tiġi f'din il-materja spiss użata (infatti l-kelma "radikali" ta' l-artikolu fuq ċitat tinsab hemm appuntu għaliex dik id-dispożizzjoni ġiet meħuda mid-Dritt Taljan) dejjem irriteniet illi lejn hemm inkapaċità mhux naturali, imma legali, l-att ma hux null, imma annullabili; u sakemm ma hux annullat, l-att jeżisti (ara Fadda, loc. ċit., para. 48—49—59 u 72). L-istess ingħad mill-Qorti ta' l-Appell ta' Trani, 28 ta' Mejju 1901 (Rep. Fadda, art. 1105, para. 30) ;— "Gli atti compiuti da colui che è affetto da

incapacità naturale sono completamente nulli, perchè non hanna mai avuto consistenza giuridica in sin dalla loro esistenza; *mentre* gli *atti compiuti* da colui che è dichiarato incapace dalla legge esistono giuridicamente e producono il loro effetto sino a quando non sia pronunziata una sentenza che ne abbia dichiarato la nullità";

L-istess konċett jiżvolġi l-Laurent (*Princ. di Dto. Civile*, Vol. XVI, para. 20—Della capacità delle parti contraenti), fejn, fil-waqt li qiegħed jitħaddet fuq l-inkapaċitajiet naturali, jgħid hekk :— "Secondo la opinione da noi accolta, e che è *oggi giorno* la *dominante*, il *contratto cui fu partecipe una* persona incapace di consentire è nullo di nullità radicale, non ha esistenza agli occhi della legge, e non produce verun effetto". Dan il-prinċipju ġie *ripetut fis-sentenza tal-Qorti* ta' l-Appell fuq ċitata. Fin-nota preżentata fl-24 ta 'Jannar 1946, l-atturi jikkritikaw dan is-sentenza billi jgħidu illi kkonfondiet id-distinzjoni bejn nullità assoluta u nullità relatva, u dik bejn nullità "di pieno diritto" u annullabilità. L-eżami ta' dik is-sentenza però ma juri×x dan, u fiha ma hemm ebda konfużjoni, għalex jibqa' dejjem veru illi n-nullità relativa ma ġġibx nullità "di pieno diritto". Il-Merlin, wara li jitħaddet fuq in-nullità assoluta, jgħid li hija "quella che viene da una legge di cui l'interesse pubblico è il principale motivo", u jagħti eżempju ta' bejgħ ta' bini suġġett għall-liġi tal-manomorta, jgħaddi għan nullitajiet relativi, u jgħid li huma dawk "che non interessano se non talune persone", u jsemmi bħala eżempju kuntrattazzjoni tal-mara bla awtorità tar-raġel, jew tal-minuri bla awtorità tal-missier; u mbagħad jikkonnetti dan il-konċett ta' *nullità relativa*, appunto *kif għamlet il-Qorti ta'* l-Appell Maltija fis-sentenza ċitata, mill-atturi kritikata f'dan il-pont, mal-konċett l-ieħor tan-nullità "di pieno diritto", in kwantu jgħid *illi dawn il-projbizzjonijiet* legali "*non* annullano pienamente e semplicemente gli atti che sono fatti in senso contrario; questi atti sussistono riguardo ai terzi; essi non sono dichiarati nulli che quando le persone che la legge ha voluto favorire li dimandano. ........." (Merlin, Rep. Voce Nullità, para. II);

Għalhekk l-art. 7 (1) (a), Kap. 70, ma japplikax meta hemm biss annullabilità, u meta ma hemmx nullità u ineżistenza radikali, ossija "ab initio", u insanabili. Ma hemmx

bżonn li wieħed iżid illi l-kliem tal-legislatur fil-bran ċitat, għal kemm ma humiex interpretazzjoni awtentika, għandhom ċertament valur rilevanti ta' interpretazzjoni, speċjalment illi d-deċident l kien jippresjedi fil-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq ċitata, li fiha ntużat il-kelma "radikali" għap-propożitu tan-nullità, kien l-istess wieħed li, bħala Avukat tal-Kuruna, spjega l-portata ta' l-artikolu fil-Korp Leġislativ.

Għalhekk, mentri għall-finijiet ta' l-eżoneru l-liġi tirrikjedi illi jkun hemm vizzju radikali, mhux biss, imma li dan ikun ġieb in-nullità "ab initio", u bla ma dan jiddependi mir-rieda tal-parti f'dan il-każ id-difett ta' l-awtorizzazzjoni tat-tribunal kien tali li jġib mhux in-nullità mill-bidu, imma biss jekk tiġi dedotta n-nullità, u meta din tiġi dikjarata, u dippjù t-talba għal din in-nullità kienet tiddependi mill-parti, ċjoè, fil-każ, mill-inkapaċi protett;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti ssib ġusta l-osservazzjoni tal-konvenut Ellul illi, peress illi l-kwistjoni ta' l-imponibilità tirrigwarda biss l-atturi, bħala se maj tenuti għall-ħlas, u l-Gvern, għalhekk huwa ma għandux iħallas spejjeż;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi, fuq l-ewwel talba, tiddikjara illi l-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1939, riferit fiċ-ċitazzjoni, ma kienx radikalment null fis-sens ta' l-art. 7 (1) (a) ta' l-Ordinanza XVIII ta' l-1918, Kapitlu 70, iżda kien, għal dak li jirrigwarda l-eċċedenza, kostitwenti liberalità, annullabbli relattivament għall-konvenut Antonio Ellul; u kwantu għat-tieni talba, tiddikjara illi, għal dak li jirrigwarda l-eċċedenza kostitwenti liberalità, din tinsab imponibbli non ostanti l-vizzju tan-nuqqas ta' awtorizzazzjoni;

L-ispejjeż, atteża d-diffikoltà u n-novità tal-kwistjoni nvoluta, jibqgħu mingħajr taxxa, ħlief dawk tal-konvenut Ellul li għandhom iħallsuhom l-atturi, li għandhom ukoll iħallsu d-dritt tar-reġistru.